

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' Diċembru 2015 – Japan Airlines vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-36/11)<sup>(1)</sup>

[“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-ġarr ta’ merkanzija bl-ajru — Ftehimiet u prattiki miftiehma fuq diversi elementi tal-prezzjet tas-servizzi ta’ ġarr ta’ merkanzija bl-ajru (stabbiliment ta’ sovrataxxi marbuta mal-karbunat u ta’ sovrataxxi marbuta mis-sigurtà, rifiut ta’ ħlas ta’ kummissjoni fuq is-sovrataxxi) — Artikolu 101 TFUE, Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru — Obbligu ta’ motivazzjoni”]

(2016/C 048/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Japan Airlines Co. Ltd, li kienet Japan Airlines International Co. Ltd (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: J.-F. Bellis, K. Van Hove, avukati, u R. Burton, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment N. von Lingen u S. Noë, sussegwentment S. Noë u J. Bourke u finalment A. Dawes, aġenti, assistiti minn J. Holmes, barrister)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694 finali, tad-9 ta’ Novembru 2010, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 – Trasport ta’ merkanzija bl-ajru), u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti u fuq Japan Airline Corp.

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694 finali, tad-9 ta’ Novembru 2010, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 – Trasport ta’ merkanzija bl-ajru), hija annullata, sa fejn din tirrigwarda lil Japan Airlines Co. Ltd u lil Japan Airline Corp.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn Japan Airlines Co. Ltd.

<sup>(1)</sup> ĠU C 80, 12.03.2011.